# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 549.180

## REGOLAMENTI DWAR IL-KONSERVAZZJONI TAL-GĦASAFAR SELVAĠĠI (DIKJARAZZJONI DWAR DEROGA LI TIPPERMETTI RIĊERKA XJENTIFIKA FUQ SEBA' SPEĊI TAL-GĦASAFAR TAL-GĦANA FIL-ĦARIFA TAL-2025)

18 ta' Ottubru, 2025

*L-AVVIŻ LEGALI 253 tal-2025.*

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni Dwar Deroga li Tippermetti Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana fil-Ħarifa tal-2025) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw flimkien mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas li jippermetti Deroga għal Riċerka Xjentifika fuq Seba' Speċi tal-Għasafar tal-Għana), hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Qafas Regolatorju".

L.S. 549.145.

Għan, dikjarazzjoni tar-raġunijiet u evidenza li m'hemm l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra.

**2.** (1) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti u fil-kuntest tat-tifsira tal-Artikoli 9 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, hawnhekk aktar 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva tal-Għasafar", b'mod partikolari kif moqrija flimkien mal-Artikolu 10 u l-Anness V(ċ) tal-imsemmija Direttiva tal-Għasafar, peress li fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta:

(a) Il-Verdun (*Chloris chloris*), Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), l-Isponsun (*Fringilla coelebs*), il-Ġojjin (*Linaria cannabina*), l-Ekru (*Spinus spinus),* il-Gardell (*Carduelis carduelis*) u l-Apparell (*Serinus serinus*), hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"ispeċi relevanti" jew l-"għasafar tal-għana", huma għasafar mhux residenti li jpassu;

(b) ornitoloġisti u persuni liċenzjati sabiex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar ma rnexxilhomx jiġbru, permezz tas-sistema ta' xbieki tal-arja, inklużi dawk magħrufa bħala ranji, li huwa l-inqas metodu selettiv ta' qbid tal-għasafar, id-data meħtieġa biex jintlaħaq l-għan iddikjarat tal-Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana*[*2], bil-għan li jipprovdi informazzjoni konklużiva dwar ir-reġjuni tal-oriġini tal-kontinġenti ewlenin tal-għasafar (popolazzjoni ta' referenza), kif jidher mid-data limitata

* *[2] Ir-rapport "Malta's finches research project: scope and methodology", datat Mejju 2020, huwa disponibbli fuq is-sit: https://wbru.gov.mt/wp-content/uploads/2024/04/maltaFinchResScopeMethod-1.pdf.

ħafna dwar l-irkupru taċ-ċrieket miġbura matul il-perjodu bejn l-1920 u l-2018**[3] u kif attestat ukoll mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-557/15;

(ċ) is-suċċess tal-Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana biex iwieġeb il-mistoqsija tar-riċerka tiegħu "minn fejn jiġu l-għasafar tal-għana li jpassu minn fuq Malta fil-ħarifa wara l-perjodu tat-tnissil?" ma jiddependix esklussivament fuq il-parteċipazzjoni tal-ornitoloġisti, kif muri mill-għadd ta' rkupri ta' ċrieket barranin li ġew irreġistrati minn kolletturi tad-data liċenzjati, mingħajr il-kollaborazzjoni tal-ornitoloġisti, matul il-perjodi ta' riċerka tal-għasafar tal-għana fil-ħarifa 2020–2024***[†4] liema ġbir tad-data jafferma il-kontribut siewi għar-riċerka ta' din l-inizjattiva tax-xjenza taċ-ċittadini permezz tal-użu tal-ħiliet tal-kolletturi tad-data fl-immaniġġjar, l-identifikazzjoni tal-ispeċi u tas-sess tal-għasafar tal-għana, f'konformità mal-għanijiet prinċipali tal-"Green Paper on Citizen Science"***[‡5] tal-Kummissjoni Ewropea;

(d) persuni liċenzjati sabiex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar li jipparteċipaw fl-iskema nazzjonali ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar ma jużawx għajjat u taħrik għall-iskop ta' tqegħid taċ-ċrieket xjentifiċi u kontroll, liema għajjat u taħrik huma l-komponent ewlieni tas-sistema tal-mansab***[§6] li "jippermetti qbid ta' għasafar aktar selettiv minn

---

**[3] Id-data dwar l-irkupri ta' ċrieket tal-ispeċi rilevanti kkontrollati f'Malta permezz tas-sistema ta' xbieki tal-arja (ranji) mill-1920s sal-2018 hija disponibbli fuq is-siti: https://birdlifemalta.org/wp-content/uploads/2016/08/BLM-Report_The-international-impact-of-hunting-and-trapping-in-the-Maltese-Islands.pdf [Sezzjoni 3.4 u 3.5.3] u https://wbru.gov.mt/wp-content/uploads/2024/04/ringRecov0818-1.pdf. In-numru totali ta' rkupri ta' ċrieket barranin miġbura minn ornitoloġisti f'Malta matul dan il-perjodu ta' 99 sena huwa kif ġej: tlieta u ħamsin (53) Ġojjin, sittax (16)-il Ekru, sittax (16)-il Apparrell, sittax (16)-il Verdun, seba' (7) Sponsuni u erba' (4) Griedel.

†*** [4] B'kuntrast mal-metodu adottat mill-ornitoloġisti u persuni liċenzjati sabiex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar meta jużaw is-sistema tax-xbieki tal-arja (ranji) biex jinqabdu l-ispeċi rilevanti (vide n-nota tal-qiegħ il-paġna preċedenti), matul il-Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana fil-ħarifa 2020–2024, il-kolletturi tad-data, billi jużaw is-sistema tal-mansab, irreġistraw total ta' 33 irkupru ta' ċrieket barranin mill-ispeċi rilevanti: ħames (5) Ġojjini, ħamsa u għoxrin (25) Ekri [16 minnhom ġew irreġistrati matul il-perjodu ta' riċerka tal-ħarifa 2023], Verdun, Apparell u l-ewwel irkupru ta' ċurkett barrani ta' Taż-Żebbuġ irreġistrat matul il-perjodu ta' riċerka tal-ħarifa 2023. Din id-data dwar l-irkupru taċ-ċrieket barranin miġbura mill-kolletturi tad-data liċenzjati matul il-ħarifa 2020–2024 ġiet ivverifikata u kkonfermata mill-EURING permezz tal-iskema nazzjonali ta' tqegħid taċ-ċrieket f'saqajn l-għasafar.

‡ ***[5] Kummissjoni Ewropea. (2013). "Green Paper on Citizen Science: Citizen Science for Europe - Towards a Society of Empowered Citizens and Enhanced Research", disponibbli fuq is-sit: https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/green-paper-citizen-science-europe-towards-society-empowered-citizens-and-enhanced-research.

§ ***[6] Rapport dwar is-selettività u d-daqs tal-malju u kif jitħaddem mansab kien ippreżentat mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi lill-Kumitat Ornis fil-31 ta' Lulju 2019 (inkluż bħala Anness A mal-minuti tal-Kumitat tal-istess laqgħa), disponibbli fuq is-sit: https://wbru.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/oMinThirtstJul19.pdf.

xbieki tal-arja (ranji)"***[7];

(e) iċ-ċensimenti tal-għasafar***†[8] kif inhu l-każ fil-bqija tat-Territorju tal-Unjoni Ewropea u bnadi oħra, huma mfassla biex jimmonitorjaw id-daqs u l-istat tal-popolazzjoni, inklużi bidliet fil-popolazzjonijiet waqt il-perjodu tat-tnissil u matul ix-xitwa u għalhekk ma jistgħu jipprovdu l-ebda għarfien dwar il-provenjenza ta' popolazzjonijiet ta' speċi migratorji

(f) studji dwar il-migrazzjoni tal-għasafar jirreġistraw l-influss ta' kampjuni spazjalment u temporalment permezz billi jingħadd kemm ikunu ġew osservati‡********[9] u għalhekk huwa impossibbli li jiġi determinat, minn dawn l-istudji, liema mill-kampjuni li jpassu mill-ispeċi rilevanti huma mgħammra b'ċurkett xjentifiku u liema mhumiex, u bl-istess mod impossibbli li jiġu rreġistrati d-dettalji ta' tali ċrieket, sakemm il-kampjuni mill-ispeċi rilevanti ma jinqabdux u jiġu eżaminati fiżikament; u

(g) in-nuqqas ta' data bażika b'saħħita dwar l-irkupru taċ-ċrieket, flimkien ma' fatturi imprevedibbli u kumplessi********§[10] li jinfluwenzaw il-moviment tal-popolazzjonijiet migratorji tal-għasafar tal-għana minn fejn ibejtu għall-fejn ipassu fil-ħarifa sabiex iqattgħu x-xitwa f'pajjiżi oħra, jagħmel l-immudellar fuq skala kbira – approċċ purament probabilistiku li jeħtieġ ħafna data biex ikun affidabbli – inadegwat biex tiġi determinata l-ekoloġija tal-passa tal-għasafar tal-għana u, konsegwentement, inadegwat biex tiġi determinata l-popolazzjoni tar-reġjuni li minnhom jiġu l-akbar għadd ta' għasafar tal-għana tal-passa qabel ma jgħaddu minn Malta, u dan jispjega għaliex mudelli tal-popolazzjoni jiffukaw prinċipalment fuq studji relatati mad-dinamika tal-popolazzjoni, inkluża r-

---

* ***[7] Vide paragrafu 79 tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Ćapeta fil-Kawża C-23/23, Kummissjoni Ewropea v. Ir-Repubblika ta' Malta, li nħarġet fit-30 ta' Mejju 2024, disponibbli fuq is-sit: https://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=286577&pageIndex=0&doclang=EN&mode=req&dir=&occ=first&part=1&cid=884890.

† ***[8] Vide, pereżempju, l-għan u l-metodoloġija tal-istudju dwar il-passa tal-għasafar tal-għana li jsir kull sena mill-15 ta'Ottubru sal-15 ta' Jannar, disponibbli fuq is-sit: https://wbru.gov.mt/wp-content/uploads/2024/09/Finches-migration-study-report-2023.pdf.

‡********[9] Vide, pereżempju, l-għan u l-metodoloġija tal-istudju dwar il-passa tal-għasafar tal-għana li jsir kull sena mill-15 t'Ottubru sal-15 ta' Jannar, disponibbli fuq is-sit: https://wbru.gov.mt/wp-content/uploads/2024/09/Finches-migration-study-report-2023.pdf.

§ ***********[10] Dawn jinkludu, fost oħrajn, preferenzi tal-abitat, disponibbiltà tar-riżorsi, demografija tal-popolazzjoni u xejriet tat-temp. It-tbassir, il-kwantifikazzjoni u l-komunikazzjoni ta' dawn l-inċertezzi jistgħu jkunu ta' sfida, partikolarment meta ir-riżultati tal-mudell jiġu tradotti f'rakkomandazzjonijiet ta' konservazzjoni jew azzjonijiet ta' immaniġġjar. Vide: Martin, T. G., Wintle, B. A., Rhodes, J. R., Kuhnert, P. M., Field, S. A., Low-Choy, S. J. and Possingham, H. P., "Zero tolerance ecology: Improving ecological inference by modelling the source of zero observations", Ecology Letters, 8(11), 2005, 1235-1246.

relazzjoni bejn il-predatur u l-priża, aktar milli fuq il-passa tal-għasafar.

(2) Il-Ministru, wara li aċċerta li:

(a) id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u l-evidenza msemmija hawn fuq huma bbażati fuq l-aħjar għarfien xjentifiku rilevanti;

(b) id-disinn, l-ambitu u l-metodoloġija tal-Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana huma l-aktar adattati biex iwieġbu l-mistoqsija tar-riċerka: "minn fejn jiġu l-għasafar tal-għana li jpassu minn fuq Malta fil-ħarifa wara l-perjodu tat-tnissil?";

(ċ) id-disinn, l-ambitu u l-metodoloġija tal-Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana jagħmluh l-inqas metodu ta' riċerka xjentifika intruživa u li kapaċi jagħti riżultati sodisfaċenti, filwaqt li jaderixxi ma' standards etiċi li huma konformi mal-prattika internazzjonali; u

(d) il-Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana għandu jkollu s-salvagwardji kollha meħtieġa, inkluża l-implimentazzjoni tiegħu taħt kundizzjonijiet sorveljati**********[*11] u l-adozzjoni ta' proċeduri ta' ġbir ta' data għall-irkupru taċ-ċrieket ibbażati fuq prattiki u standards stabbiliti ibbażati fuq ix-xjenza, kif diġà applikati mill-kolletturi tad-data, dwar l-immaniġġjar sikur tal-kampjuni mill-ispeċi rilevanti,

qiegħed b'dan jaċċerta n-nuqqas ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra sabiex isir studju ta' riċerka komprensiv (il-"Proġett ta' Riċerka tal-Għasafar tal-Għana") billi jippermetti lill-kolletturi ta' data liċenzjati li jużaw imnasab reġistrati, bħala l-aktar metodu selettiv ta' qbid ta' kampjuni mill-ispeċi

* ********** [11] Il-Qafas Regolatorju jipprovdi għal verifiki fuq il-post mill-pulizija fir-reġjuni kollha ta' Malta u Għawdex kuljum għaż-żmien li fih ikun miftuħ il-perjodu ta' riċerka sa mill-inqas erba' ġimgħat mit-tmiem tal-perjodu ta' riċerka bi skjerament ta' infurzar "fir-reġjun ta' ħamsin (50) uffiċjal tal-Pulizija". Matul il-perjodi preċedenti ta' deroga għar-riċerka tal-għasafar tal-għana (ħarifa 2020–2024), kien hemm minimu ta' verifika waħda (1) għal kull żewġ (2) kolletturi tad-data u massimu ta' sitt (6) verifiki għal kull ħames (5) kolletturi tad-data f'kwalunkwe ħin partikolari fir-reġjuni kollha, ikkalkulat bħala perċentwal tan-numru totali ta' kontrolli fuq il-post imwettqa u n-numru totali ta' liċenzji speċjali ta' riċerka maħruġa għal kull perjodu ta' deroga għar-riċerka tal-għasafar tal-għana. Peress li n-numru ta' persuni bil-liċenza speċjali għar-riċerka (kolletturi tad-data) li pparteċipaw fil-proġett tar-riċerka tal-għasafar tal-għana fl-istess ħin fi kwalunkwe jum partikolari waqt il-perjodi ta' deroga kien ħafna inqas minn numru totali ta' liċenzi maħruġa, in-numru ta' verifiki fuq il-post fi kwalunkwe ġurnata fuq il-kolletturi tad-data individwali kien b'mod ġenerali ħafna ogħla, u iżjed għoli meta n-numru ta' kolletturi tad-data li ħadu sehem fir-riċerka fi kwalunkwe ġurnata waqt il-perjodu tar-riċerka kien l-inqas.

rilevanti, sabiex jiġu ċċekkjati u rreġistrati rkupri ta’ ċrieket barranin (kontroll) fuq formola ta’ rkupru ta’ ċrieket maħruġa għal dan il-għan flimkien mal-liċenzja speċjali tar-riċerka tagħhom, segwita mir-rilaxx immedjat tal-kampjuni kollha maqbuda lura fis-selvaġġ, u billi jippermetti ukoll persuni liċenzjati sabiex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-għasafar, li huma b’dan mistiedna formalment flimkien ma’ EURING biex jerġgħu jikkunsidraw l-oġġezzjonijiet tagħhom għall-Proġett ta’ Riċerka tal-Għasafar tal-Għana, biex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq dawk il-kampjuni mill-ispeċi rilevanti li mhumiex mgħammra b’tali ċrieket maqbuda minn kolletturi tad-data, segwiti mir-rilaxx immedjat tagħhom lura fis-selvaġġ, u sakemm dan huwa assolutament neċessarju biex tinkiseb l-informazzjoni li permezz tagħha tiġi determinata l-popolazzjoni ta’ referenza ta’ Malta tal-ispeċi relevanti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Diretiva tal-Għasafar u l-Qafas Regolatorju.

**3.** It-termini u l-espressjonijiet użati f’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn aktar ’il quddiem imsejħa r-"Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi", u fil-Qafas Regolatorju.

Tifsir.

L.S. 549.42.

**4.** (1) Il-perjodu ta’ riċerka u l-parametri assoċjati tiegħu għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet tal-Qafas Regolatorju u l-kundizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka.

Riċerka skont qafas stabbilit u l-kundizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka.

(2) Għall-fini ta’ dawn ir-regolamenti, kampjuni mill-ispeċi relevanti għandhom jinqabdu biss permezz ta’ użu ta’ xbieki selettivi magħrufa bħala mansab skont il-Qafas Regolatorju u l-kundizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka.

(3) Il-persuni bil-liċenza speċjali għar-riċerka jistgħu jaqbdu u jimmaniġġjaw għasafar mill-ispeċi relevanti sabiex jistabbilixxu liema kampjuni huma mlibbsin ċurkett xjentifiku, biex jirrekordjaw in-numru ta’ identifikazzjoni taċ-ċurkett xjentifiku (kontroll), jirrappurtaw il-kampjuni kollha maqbuda dak il-ħin stess wara l-ħelsien immedjat lura fis-selvaġġ tal-istess kampjuni kollha mill-istess sit ta’ riċerka, u jissottomettu l-formola taċ-ċrieket maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fi żmien stipulat mill-imsemmija Taqsima wara li jagħlaq il-perjodu ta’ riċerka, skont il-kundizzjonijiet tal-liċenza speċjali għar-riċerka u skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 tal-Qafas Regolatorju.

(4) Persuni liċenzjati sabiex ilibbsu ċrieket xjentifiċi fuq l-ispeċi tal-għasafar jistgħu jlibbsu ċurkett xjentifiku fuq kampjuni tal-

ispeċi relevanti, segwit mill-ħelsien immedjat tagħhom lura fis-selvaġġ mill-istess sit ta' riċerka skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(5) tal-Qafas Regolatorju.

Jiġi stabbilit il-perjodu ta' riċerka.

**5.** Għall-fini sabiex jiġu stabbiliti d-dati u t-tul tal-perjodu ta' riċerka skont ir-regolament 8 tal-Qafas Regolatorju, u għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu ta' riċerka għall-ispeċi relevanti għas-sena 2025 għandu jkun ta' tnejn u sittin (62) jum mill-20 ta' Ottubru 2025 sal-20 ta' Diċembru 2025, iż-żewġ dati inklużi, għall-Verdun (*Chloris chloris*), Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*), Sponsun (*Fringilla coelebs*), Ġojjin (*Linaria cannabina*), Ekru (*Spinus spinus*), Gardell (*Carduelis carduelis*) u Apparell (*Serinus serinus*):

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ u l-ebda attività ta' riċerka ma għandha tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew bi kwalunkwe avviż ieħor, li l-perjodu ta' riċerka għandu jintemm immedjatament jew f'data kif speċifikata mill-Ministru. Il-persuni bil-liċenzja kollha għandhom jiġu infurmati minnufih dwar din it-terminazzjoni permezz tas-servizz ta' messaġġi bil-miktub (SMS) fuq in-numru indikat minn dik il-persuna fl-applikazzjoni għal-liċenza speċjali għar-riċerka.

Drittijiet għal-liċenza speċjali għar-riċerka.

**6.** Liċenzi speċjali għar-riċerka għandhom jinħarġu wara li jitħallas id-dritt nominali ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25), kemm-il darba l-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament 10(5) tal-Qafas Regolatorju jiġu sodisfatti.

---